MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1461/2003

**ADS System Limited**

**vs**

**Multivend Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u disgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm889.10) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha lilha u ta' servizzi rezi lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici, liema bilanc baqa' ma thallasx u dan kif jirrizulta mill-istatement anness mal-avviz u mmarkat Dok.A.**
**Is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx dan l-ammont minkejja interpellata diversi drabi biex taghmel dan. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta mill-1 ta’ Frar, 2002 sad-data tal-eventwali pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-14 ta’ Ottubru, 2003 fejn intqal illi:**
**i. It-talba ghandha tigi michuda u dana minhabba nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal u dana stante li x-xogholijiet huma regolati bi skrittura tal-1 ta’ Frar, 2002, u l-istess skrittura titkellem dwar valur ta’ servizz li huwa oltre l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500);**
**ii. Illi l-oggetti u s-servizz li kellha tipprovdi s-socjeta` attrici ma giex pprovdut u di piu` nghataw oggetti difettuzi;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**It-Tribunal ra d-digriet tal-25 ta’ Novembru, 2003 fejn giet michuda l-eccezzjoni dwar l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal.**
**Semgha x-xhieda ta’ Joseph Aquilina u Pierre Caruana. Ha in kunsiderazzjoni d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta` konvenuta ghall-servizzi ta’ IT rezi, skond l-invoice Dok.A. Is-socjeta` attrici kienet ghenet lis-socjeta’ konvenuta billi nstallat hardware lis-socjeta` konvenuta, fornietu b’“hand held pc’s”, u ghamlet maintenance agreement Dok.X li kien gie accettat mis-socjeta’ konvenuta.**
**2. Jirrizulta illi wara li kienet giet nstallata is-sistema lis-socjeta` konvenuta, l-istess socjeta` ilmentat fis-sens li ma kienetx “suitable for their operations”.**
**3. Jirrizulta, skond ma xehed Joe Aquilina ghas-socjeta’ attrici, li s-socjeta` konvenuta kellha xi problemi biex thaddem is-sistema, u dana peress li ma kienux jafu jhaddmuha. Is-socjeta` attrici ghalhekk baghtet nies minn taghha biex juruhom kif tahdem. Dana kien f’Jannar, 2003.**
**4. Pierre Caruana, Operations Manager ghas-socjeta` konvenuta, ikkonferma li s-socjeta` attrici**

**kienet installat is-sistema ta' software maghrufa bhala SAGE, li hi sistema ghall-ordnijiet. Jikkonferma li meta ma rnexxilhomx ihaddmuha talbu lis-socjeta` attrici biex tibghat lil xi hadd biex juriha kif tahdem. L-istess Caruana jghid li huma riedu sistema li biha l-*operator* jiehu l-ordnijiet u dawn jidhlu direttament ghand l-*istores*.**

**5. Ma ngiebet ebda prova sostanzjali biex turi li fil-fatt kien hemm xi haga hazina fis-sistema. Tant hu hekk li meta marru nies tas-socjeta` attrici s-sistema hadmet. Ghalhekk ma hemm ebda raguni l-ghala s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex thallas l-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u disgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm889.10), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------